MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 61/2004

**A B**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-Prokuratrici Legali Veronica Rossignaud nominati b' digriet tal-21 ta' April 2004 kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti A B u C D E kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fil-15 ta' Marzu 2002 Dok. A.

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mmizzewga, jew dritt ghall-att ta' zwieg liema att taz-zwieg qatt ma sar bejn il-partijiet.

Peress illi ser jirrizulta simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg;

Peress illi ser jirrizulta li ma kienx hemm xewqa ta' tfal rizultanti mir-relazzjoni taz-zwieg bejn il-partijiet.

U ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikoli rilevanti skond l-Att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti A B u C D E debitament ikkontrattat fil-15 ta' Marzu, 2002 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jixhed in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li f' dak li l-istadju ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk rrizervaw li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat bejnha u bejn l-assenti fil-15 ta' Marzu 2002 huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi [d][f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255, ghar-ragunijiet imputabbli lill-assenti.

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u in sostanza taghtiha affidament.Mill-provi rrizulta li l-attrici, li f' dak iz-zmien kellha l-impieg taghha terminat u kienet f' sitwazzjoni finanzjarja prekarja, accettat fuq proposta ta' habiba taghha, li tikkuntratta zwieg ta' konvenjenza ma' l-assenti. Giet fissata d-data tal-15 ta' Marzu 2002 u dak in-nhar hija ltaqghet ma' l-assenti l-ewwel darba u sar iz-zwieg civili. Wara c-cerimonja l-partijiet marru ghar-rashom, u fl-ebda zmien ma ghexu flimkien jew kellhom x' jaqsmu flimkien. Wara ftit taz-zmien l-attrici giet ikkuntatjata, u marret tiffirma l-karti sabiex l-assenti jkollu l-freedom of movement f' Malta.

Hija ssostni li l-flus mweghda lilha baqghet ma hadithomx; izda fuq din l-ahhar asserzjoni l-Qorti ghandha riservi kbar bazati fuq il-fattur ta' l-inverosimiljanza ta' din l-allegazzjoni attrici.

Mill-kwadru premess jirrizulta car li f' dan il-kaz iz-zewg partijiet ma kellhomx l-intenzjoni li jghixu l-hajja matrimonjali, u ghalhekk il-kunsens matrimonjali taghhom huwa vizzjat bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, liema zwieg baqa' ma giex ikkonsumat. Ghalhekk f'dan il-kaz jikkonfigura l-*caput nullitatis* ravvizat fil-paragrafu [f] ta' l-Artikolu fuq citat; kif ukoll that l-Artikolu 19A ta' l-imsemmi Kap.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-15 ta' Marzu 2002. L-ispejjes ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn iz-zewg partijiet, izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament kollha mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------